# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tnax (12) ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 169/15 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 947/2015**
**Fl-ismijiet**

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Automated Management Services Limited**

**vs**

**Godwin Ghigo (ID 343676M) u, b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2015, giet kjamata in kawza Charmaine Ghigo (ID 329979M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat minn **Godwin Ghigo** fil-21 ta' Mejju 2015 fejn ir-rikorrenti qal is-segwenti:

> *Illi permezz tal-prezenti r-rikorrenti qed jopponi t-talba tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 30 t' April, 2015 (Ittra ufficjali bin-numru 947/15) liema oppozizzjoni qeghdha ssir ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Illi in via preliminari, s-socjeta intimata ma taqax taht il-provvediment fejn tista tapplika l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal kwasiasi ammont dovut.*
>
> *Illi in via preliminari ukoll, l-imsemmija ittra ufficjali bin-numru 947/15 hija nulla stante li l- gudizzju mhuwiex integru u trid tiddahhal Charmaine Ghigo (329979M) biex twiegeb ghall-pretensjonijiet tas-socjeta intimata stante li Qorti Superjuri ordnat lil Charmaine Ghigo thallas dan l-ammont dovut;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu r-rikorrenti m' ghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta intimata u dan wara li inter alia il-provvista tal-elettriku giet maqtugha ghal 3 darbiet u f'kull darba il-provvista inghatat unilateralment mis socjeta intimata minghajr ma jsir il-hlas sa dakinhar;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-rikorrenti kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali f'April 2011 u il-kont ta' Mejju, 2011 kien thallas kompletament mir-rikorrenti u kien jaqra "0" u l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat lill Charmaine Ghigo (329979M) biex thallas hi l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma mid-data meta r-rikorrenti telaq mid-dar.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghogobha tiddikjara illi l-pretensjonijiet tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited fil-konfront ta' Godwin Ghigo bhala nfondati ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 u tal-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata u b' riserva ta' kull azzjoni spettanti r-rikorrenti bil-ligi.*

Rat ir-risposta tas-socjeta **Automated Revenue Management Service Limited** ippresentata fis-17 ta' Gunju 2015, fejn laqghat ghal dak mitlub mir-rikorrent Godwin Ghigo billi qalet is-segwenti:

*Illi fir-rigward tat-talba kif dedotta fir-rikors ta' Godwin Ghigo datat 21 ta' Mejju 2015, din ma ghandhiex tintlaqa' u dan ghar- ragunijiet segwenti:-*

*a) Is-societa' ARMS Ltd ghandha il-jedd tirrikorri ghall-procedura taht l-Artiklu 466 u dan in linea ma' dak provdut fil-proviso u cioe li "d-diposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti ghall-provediment ta' l-ilma u eletriku u ghall-kiri ta' meters relatati"*

*b) Ghalkemm ma hemmx oppozizzjoni li tigi ammessa Charmaine Ghigo f'dawn il proceduri, jigi indikat illi l-applikazzjoni ghas-servizz tad-dawl u ilma saret min Godwin Ghigo (KI 343676M) u ghalhekk huwa l-konsumatur registrat tal-kont numru 101000102727 b'hekk ir-relazzjoni tas- socjeta esponenti hija ma' Godwin Ghigo u mhux mal- imsemmija Charmaine Ghigo;*

*c) Illi l-ammont dovut huwa ta' €8,385.83 u dan sa 27/05/15; u dana stante li hemm imghaxxijet u kirjiet fuq l-akkont, liema ammont jibqghu jizdiedu ta' kuljum;*

*d) Illi jigi sottomess li l-akkont imsemmi huwa prezentament sospiz;*

*e) Illi ssir riferenza ghad-digriet tal-1 ta' Dicembru 2014, tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), u jigi umilment sottomess illi kull digriet u decizjoni tal-Qorti tapplika biss inter partes u mhux fil-konfront ta' terzi. Fil-kaz tar-rikors guramentat 3373/11/AL is-socjeta' ARMS hija ghal kollox aljena u ghalhekk kull digriet u decizjoni fl-atti ta' dik il-kawza, ma jorbotx lis-socjeta' ARMS, se mai, sta ghal Godwin Ghigo sabiex jirsisti ghal rimbors ta' kull somma li jkun obbligat hallas ghan-nom ta' Charmaine Ghigo.*

*Ghalhekk is-socjeta' esponenti tinsisti li att 947/15 ghandu jibqa' jkollu l-effet ta' gudikat tal-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 466.*

Rat illi fit-3 ta' Dicembru 2015, dina l-Qorti kif komposta, tat-sentenza parzjali fejn cahdet t-talba imqajjma mir-rikorrent biex dina l-Qorti tiddikjara li s-socjeta ARMS Limited ma kellhiex dritt tapplika dak pprovdut mill-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fit-3 ta' Dicembru 2015 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza ta' Charmaine Ghigo.

Rat ir-risposta ta' **Charmaine Ghigo** ippresentata fl-4 ta' Frar 2016 fejn qalet is-segwenti:

*Illi l-esponenti u zewgha Godwin Ghigo ghaddejjin minn proceduri ghal separazzjoni personali u fil-fatt hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet 'Godwin Ghigo vs Charmaine Ghigo (373/11AL);*

*Illi l-intimat Godwin Ghigo jittenta jallega illi l-kont pendenti ma' ARMS limited ghandu jithallas mill-esponenti u esebixxa kopja ta' digriet a fol 5 tal-process fejn il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kienet ordnat illi l-esponenti thallas hi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma mid-data meta r-rikorrenti telaq mid-dar.*

*Illi b'kull dovut rispett, hemm hames digrieti ohra fejn il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kienet ordnat illi l-intimat Godwin Ghigo kellu jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma pero huwa kien baqa' inadempjenti.*

*Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, id-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 2014 huwa wiehed pendente lite u jrid jigi appellat wara li jkun hemm sentenza fil-prim istanza.*

*Illi, bla pregudizzju ghal dak suespost, id-digriet hawn fuq imsemmi japplika biss inter parter u ghalhekk mhuwiex validu vis a vis terzi. Ghalhekk ma jorbotx lis-socjeta ARMS Limited.*

*Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Godwin Ghigo huwa l-konsumatir rikonoxxjut mill-ARMS Limited u ghalhekk huwa ghandu jhallas kwalumkwe bilamc dovut lill ARMS Limited.*

*Illi fil-fatt, l-esponenti ghandha kont f'isimha u dan il-kont dejjem gie mhallas b'mod immedjat.*

*Illi, bla pregudizzju ghal dak suespost, ghalkemm Godwin Ghigo telaq mid-dar f'Gunju tas-sena 2011, u cioe lejliet l-ewwel tqarbina ta' ibnu Gabriel Ghigo, fuq ammissjoni tieghu stess, fil-mori tal-proceduri tas-separazzjoni personali, huwa kien baqa' jaghmel uzu mill-garaxx tar-residenza matrimonjali sa Settembru 2014.*

*Illi fuq ammissjoni ta' Godwin Ghigo stess, huwa baqa' jikkonsma mhux anqas minn zewgt Euro kulljum eletrikku, billi kien jiccargja l-friza tal-vann tax-xoghol tieghu kulljum, u kien anke jixghel il-freezers biex jahzen l-ikel tal-friza illi huwa jqassam fil-hwienet.*

*Illi, fil-fatt, minn rapport redatt minn engineer illi acceda fir-residenza matrimonjali u spezzjona l-appliances u s-sistema elettrika tal-fond, jirrizulta illi Godwin Ghigo kien jikkonsma hafna aktar minn zewgt Euro elettriku ghal kull gurnata sa Settembru 2014, kif anke ser jirrizulta mill-provi.*

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** moghtija fl-4 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fl-14 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fit-2 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Godwin Ghigo** moghtija fl-14 ta' Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fit-23 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Godwin Ghigo moghtija fl-27 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fis-27 ta' Marzu 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Charmaine Ghigo** moghtija fit-22 ta' Mejju 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Charmaine Ghigo moghtija fil 25 ta' Settembru 2017.

Rat illi fil 25 ta' Settembru 2017 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fil-25 ta' Settembru 2017 il-partijiet gharrfu illi l-kawza setghet tmur ghas-sentenza fuq il-provi illi kienu ngabru.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti illi r-rikorrent fil-proceduri odjerni, ossija Godwin Ghigo, huwa registrat bhala utent ta' servizz ta' dawl u ilma bil-kont numru 101000102727 gewwa l-indirizz "CharGod", Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, Zurrieq.

Jirrizulta illi l-fond bl-isem ta' "CharGod" huwa r-residenza matrimonjali tar-rikorrent Godwin Ghigo flimkien ma' martu l-kjamata in kawza Charmaine Ghigo.

Jirrizulta illi r-relazzjoni matrimonjali bejn ir-rikorrent Godwin Ghigo u martu, l-kjamata in kawza Charmaine Ghigo, intemmet u presentement ghaddejn minn proceduri ta' separazzjoni bejniethom illi lilhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar sitt snin mis-sena 2011.

Jirrizulta, kif indikat mir-rikorrent u kkonfermat mill-kjamata in kawza, illi r-rikorrent telaq mid-dar konjugali f'Gunju tas-sena 2011 ghalkemm kien ghad ghandu access ghall fond u, kif jikkonferma l-istess rikorrent, kien jaghmel uzu tal-garage tal-fond matrimonjali sa' Settembru 2014 (vide fol 97).

Jirrizulta illi r-rikorrent jahdem fil-qasam tal-'*catering'* u dana billi jqassam ma' diversi hwievet ikel tal-friza illi huwa jzomm gewwa varji freezers illi kellu gewwa l-garage tad-dar matrimonjali

kif ukoll il-'freezer van' illi huwa ghandu u li jqassam bih u di fatti d-dar matrimonjali kellha servizz tad-dawl *Three Phase*.

Jirrizulta illi wara li r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali u nbdew il-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, il-kont tad-dawl baqa' qatt ma thallas, ghajr ghal xi pagament sporadici, liema fatt wassal sabiex is-servizz tad-dawl kien inqata' ta' l-anqas darbtejn f'Dicembru 2013 u April 2014 u dejjem jerggha jigi konnettjat. (fol 36)

Jirrizulta illi fit-23 ta' Frar 2014 l-kjamata in kawza Charmaine Ghigo applikat ghal servizz tad-dawl gdid *single-phase*, liema servizz inghatlha ftit wara (fol 63).

Jirrizulta illi, tul il-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, saru hafna rikorsi '*pendente lite*' relatati mal-hlas, fost affarjiet ohra, tal-kont tad-dawl u ilma u jirrizulta li, fl-1 ta' Dicembru 2014, il-Qorti ordnat lill-kjamata in-kawza sabiex "*thallas hi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma mid-data meta r-rikorrenti telaq mid-dar*" (fol 5).

Jirrizulta illi l-ahhar pagament sar fit 28 ta' April 2014, u kien ta' €20!

Jirrizulta illi fit-30 ta' April 2015 is-socjeta intimata f'dawn il-proceduri, Automated Revenue Management Services Limited, ippresentat l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna mibghuta a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12, fejn interpellat lir-rikorrent Godwin Ghigo sabiex ihallashom is-somma ta' tmient elef, mitejn u tletin Euro u tnax-il centezmu (€8,230.12), rappresentanti s-servizz ta' dawl u ilma bil-kont 101000102727 fl-indirizz "CharGod", Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, Zurrieq.

Jirrizulta illi dina l-Ittra Ufficjali wasslet ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-kont numru 101000102727 li jirrigwarda s-servizz tad-dawl u ilma fil-fond bl-indirizz "CharGod", Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, Zurrieq, jghajjat lir-rikorrent Godwin Ghigo.

Jirrizulta illi Godwin Ghigo u martu Charmaine Ghigo ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni, liema proceduri inbdew fis-sena 2011 hekk kif, f'Gunju 2011 ir-rikorrent hareg mid-dar matrimonjali.

Jirrizulta illi, minn dakinhar li hareg mid-dar, Godwin Ghigo u Charmaine Ghigo ilhom jiggiedlu bejniethom dwar min minnhom kellu jhallas l-kontijiet tad-dawl u ilma, u ghamlu varji rikorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) biex jinghataw direzzjoni, bl-ahhar direzzjoni tkun dik ta' l-1 ta' Dicembru 2014, fejn il-Qorti ordnat li l-kontijiet jithallsu mill-kjamat in kawza.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-ordni tal-Qorti tal-Familja fuq indikata, kif ukoll ordnijiet precendenti, ghandhom biss effett bejn il-partijiet u certament ma ghandhom ebda effett fuq terza persuna illi ma ghandha ebda konnessjoni ma' tali proceduri.

Jirrizulta illi s-servizz li ghalih is-socjeta Automated Revenue Management Services Limited qieghda tippretendi il-hlas, huwa servizz illi intalab originalment mir-rikorrent Godwin Ghigo u ghadu responsabbli ghalih hu ma' l-istess Automated Revenue Management Services Limited.

Il-Qorti tifhem li r-rikorrent jikkontendi li hemm ordni tal-Qorti li jobbliga lill-kjamata in kawza sabiex thallas il-kont hija minn floku, izda dana ma jezentax lir-rikorrent mill-obbligu illi jhallas ghall-kont illi hemm ismu – semmai, ir-rikorrent ghandu dritt illi jipprocedi kontra l-kjamata in kawza ghal hlas ta' dak minnha dovut u, possibbilment, jitlob illi jinbdew proceduri ta' disprezz kontra l-kjamata in kawza abbazi tal-fatt illi hija naqqset milli tobdi l-ordni tal-Qorti.

Madanakollu, ir-rikorrent ghadu obbligat illi jonora l-obbligi minnu assunti meta inghata s-servizz illi ghalih issa qieghed jintalab il-hlas.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi gharblet sew il-fatti kollha tal-kaz,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi dana ir-rikors billi

**Tichad** it-talbiet kif dedotti fir-rikors.

In vista tad-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 2014 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), l-ispejjez ta' dawna l-proceduri ghandhom ikunu kollha a kariku tal-kjamat in kawza Charmaine Ghigo.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur